MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2009

Numru. 582/2007

PULIZIJA
SPETTUR NEZREN GRIXTI
VS
DAVID FALZON

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Falzon, ta' 27 sena, iben Alfred u Michelina nee' Falzon mwieled Pieta' f'14 ta' Dicembru 1979, residenti Micsen Flats, Flat 4A, Door 15, Triq Il-Fejgel Rabat u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 29680(M).

Illi huwa akkuzat talli:

1) Nhar it-11 ta' Lulju 2007 ghal habta ta' 20.15hrs gewwa Micsen Flats, Flat 4A, Door 15, Triq Il-Fejgel Rabat, bil-hsieb li jikkommetti delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ttanta li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Charmaine

Grech D’Amato ta’ 29 sena ID.22178(M), liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill-volonta ta’ David Falzon u dan ai terminu ta’ l-Artikoli 41, 214, 216(1)(a)(b), 218 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) U aktar talli waqt li kien qed jaghmel dan ir-reat kontra l-istess persuna kien fil-pussess ta’ arma regolari (sikkina) u dan ai terminu ta’ Artikolu 55 tal-Kap.480
3) U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghall-Charmaine Grech sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa r-Rabat volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa r-Rabat minghajr ma darab qabad arma regolari (sikkina) kontra l-istess persuna msemmiha u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6) U aktar talli kiser il-kundizzjoni moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenza saret sentenza defenittiva u ma tistax tinbidel fil-11.08.2004 mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tiprovdi ghas-sigurta ta’ Charmaine Grech sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebiti torbot lil hati b’obligazzjoni tieghu nniffsu that penali ta’ soma flus li tigi ffissata kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti u dana ai terminu ta’ l-Artikolu 383 (1), (2), (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.61) taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tat-30 ta’ April 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti (ara verbal a fol.62 tal-process);

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-Ispettur Nezren Grixti (fol.19 et seq.) jirrizulta illi l-kwerelanti Charmaine Grech D’Amato kienet ghamlet rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat fis-sens illi l-*partner* taghha u cioe l-imputat, illi minnu hija kellha tifel ta’ erba’ (4) snin, allegat illi l-imputat kien qabad sikkina, waqt illi kien fl-istess appartament taghha, kien ghamel din is-sikkina ma’ ghonqha b’attentat illi jipprova joqtolha jew jikkagunalha xi griehi fuq il-persuna taghha. Spettur Grixti xehed illi l-Pulizija accedew fuq il-post, bghatu lil Charmaine Grech sabiex tiddewwa u nnuttaw illi fil-fatt il-kwerelanti ma kellha l-ebda griehi fuq il-persuna taghha. Aktar tard il-Pulizija gabret sikkina minn fuq il-post ta’ l-allegat incident. Spettur Grixti xehed ukoll illi l-kwerelanti kienet infurmat lil Pulizija illi waqt dan l-incident kien hemm ukoll prezenti oht l-imputat cioe Caroline Farrugia.

L-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti illi l-imputat kien irrilaxxa stqarrija fil-prezenza ta’ PC580, fejn ikkonferma li l-imputat kellu argument mal-kwerelanti Charmaine Grech D’Amato, li kienet il-*partner* tieghu u li minghandha kellu tifel. L-imputat ikkonferma wkoll illi f’dan il-flat indikat kien joqghod hu flimkien ma’ ohtu Caroline Farrugia. L-imputat xehed illi waqt dan l-argument mal-*partner* tieghu, huwa kien dahal fil-kamra tal-banju u kien kisser il-mera ta’ l-istess kamra. Kienet dahlet Caroline u pprovat tikkalma l-affarijiet, izda ma rnexxiliex. L-imputat kien rega’ hareg mill-kamra tal-banju, inqala’ kommussjoni bejnu u bejn Charmaine izda qatt ma ntuzat sikkina. L-imputat xehed illi kienet il-kwerelanti stess illi offriet illi takkomodah f’dan l-istess appartament. L-imputat xehed illi waqt li kien qed jghix ma’ Charmaine Grech D’Amato, din kienet bdiet tohloq hafna allegazzjonijiet sabiex dana jaqbad u jitlaq mill-istess appartament.

Is-sikkina giet ezebita u mmarkata bhala Dok.NG1, waqt li l-istqarrija giet ezebita u mmarkata bhala Dok.CSN u li tinstab a fol.6 et seq. tal-process.

In kontro ezami, l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma illi l-imputat kien ilu joqghod ma’ Charmaine Grech D’Amato xi tlett (3) xhur qabel l-incident. L-Ufficjal Prosekturu xehed illi ebda ezami forensiku ma kienet saret fuq din is-sikkina ezebita (ara fol.22).

Charmaine Grech (a fol.23) ikkonfermat ir-relazzjoni illi hija kellha ma’ l-imputat u li kellha tifel minn din ir-relazzjoni ma’ l-imputat. Hija xehedet illi kienet ghamlet xi sena u nofs tghix ma’ l-imputat u li din ir-relazzjoni kienet intemmet bi vjolenza da parti ta’ l-imputat xi tlett snin ilu. Sussegwentement, hija kienet marret tghix ma’ oht l-imputat u li krew post flimkien. Ghal habta ta’ April tat-2007, l-imputat kien spicca minghajr dar u allura Charmaine Grech D’Amato regghet iddecidiet illi takkomodah fil-post taghha. Charmaine Grech xehedet illi fil-11 ta’ Lulju tat-2007, l-imputat kien beda jixrob is-Sambuca u l-Vodka, waqt illi hija kienet qeghdha titkellem fuq it-*telephone* semghet hoss u hafna biki. Harget u l-*hairdresser* illi kienet fid-dar taghhom qaltilha illi kien waqa’ t-tifel ta’ oht l-imputat u li kien laqghat geddumu. Hija regghet marret titkellem fuq it-*telephone* u ftit wara semghet hoss kbir u mbaghad hsejjes tal-hgieg jinkiser. Harget ‘il barra u rat lill-imputat b’idejh kollha demm u lil Caroline zzomm lit-tifel.

Charmaine xehedet illi dak il-hin kienet ghamlet decizjoni illi dawn l-affarijiet ma setghux ikomplu ghaddejjin, cioe li l-imputat jibqa jixrob u meta jkun xurban jibda jkisser u jfarrak kullimkien u ddecidiet illi tghidlu biex jitlaq barra minn darhom. Meta nfurmat lil Caroline b’din id-decizjoni, l-imputat hebb ghaliha u qalilha l-kliem: “Lilek noqtlok.” L-imputat imbuttaha u hareg sikkina u “Ipprova jaghmilieli ma’ ghonqi.” (ara fol.24) Charmaine xehedet illi kienet interveniet oht l-imputat u bil-hila taghha rnexxielha tehodlu s-sikkina minn idejh. Charmaine Grech xehedet illi hi kulma garbet bhala griehi, kienet girfa zghira fuq il-polz. Xehedet illi l-imputat ipprova johdilha l-*mobile* u qabad siggu u beda jheddidha li ser joqtolha u dana fil-prezenza ta’ tifel ta’ hames (5) snin u tifel ta’ erba’ (4) snin, l-*hairdresser* u ohtu. Charmaine Grech xehedet illi hija

kienet hatfet it-tifel taghha u telqet tigri ‘il barra mill-flat fejn kien taha ghajnuna, persuna, habib tal-familja. Hija xehedet illi l-flok taghha kien mimli demm ta’ l-imputat u dana minhabba li kien ghamel is-sikkina ma’ ghonqa. Hija xehedet illi mbaghad marru ghall-assistenza tal-Pulizija. Ftit wara rritornaw fil-flat u sabu lill-imputat fl-istess flat u l-imputat rega pprova jerfa’ jdejh, regghet qamet kommossjoni tant illi oht l-imputat cemplet ghall-assistenza tal-Pulizija.

Il-flok illi kienet liebsa l-kwerelanti giet ezebit bhala Dok.CG

Il-kwerelanta ddentifikat lill-imputat, David Falzon, prezenti fl-awla bhala l-persuna li kien aggrediha.

In kontro ezami, Charmaine Grech xehedet (a fol.26 u 27) illi hija garrbet il-gerha fuq il-polz meta kienet qed tipprova tissara ma’ l-imputat biex tehodlu s-sikkina minn idejh, flimkien ma’ oht l-imputat. A fol.27, il-kwerelanti kkonfermat illi l-imputat kien ghamlilha s-sikkina ma’ ghonqha u li fil-fatt kien messilha ghonqha mas-sikkina izda din ma’ hallietx marka. A fol.28, il- kwerelanti talbet lil Qorti ghal hrug ta’ garanzija fuqha u fuq it-tifel taghha.

Claudianne Fava (a fol.29) xehedet illi hija *hairdresser* u kienet qeghdha fid-dar tal-kwerelanti u oht l-imputat ghaliex kienet qed taghmlilhom xagharhom. Claudianne Fava xehedet illi kienet inqalghet glieda bejn l-imputat David Falzon u l-kwerelanti Charmaine Grech D’Amato u dana il-ghaliex Charmaine bdiet tgorr illi kien hemm id-demm ma’ l-art. Fava xehedet illi kif rat li l-glieda ma kinitx ser tieqaf, hija qabdet lit-tifel ta’ Charmaine u harget tigri fil-gallarija bih. Minn hemmhekk ‘il quddiem ma tafx ezattament x’gara, pero’ semghet hafna ghajjat tant illi kien hassha hazin. Xehedet illi kien hemm hafna gegwigija u l-uniku ghajjat li setghet taghraf kien il-kliem: “Mur u hallini.” L-ahhar movimenti li kienet rat qabel ma harget tigri fil-gallarija kien li David qed jimbotta lil Charmaine (ara xhieda a fol.30).

A fol.31 Charmaine Grech gharfet l-ezebit Dok.NG1 cioe s-sikkina ezebita fil-process.

L-istess xhud, riprodotta (a fol.32), Fava kkonfermat illi hija kienet harget bit-tifel Dayford, waqt illi Caroline kienet harget fuq il-gallarija bit-tifel taghha u li sakemm kienet hemm hi, Caroline kienet hemm ukoll. Ikkonfermat illi hija ma ratx l-incidenti illi fih kienet intuzat xi sikkina. Illi damet fil-gallarija sakemm semghet li kienet tbattiet il-glieda. Meta harget lanqas ma kienet semghet kliem dwar xi skieken.

In kontro ezami, Fava kkonfermat illi l-glieda kienet damet forsi xi ghaxar minuti qabel ma sabet l-opportunita’ sabiex titlaq ‘il barra u f’a fol 33, hi gharfet lill-imputat.

Caroline Farrugia (a fol.35), oht l-imputat, xehedet illi dakinhar ta’ l-incident Charmaine Grech kienet kellmitha u qaltilha li kif jidhol l-imputat kienet ser titolbu ghal hamsa u ghoxrin lira, illi fil-fatt hekk gara u kif dahal l-imputat u Charmaine ghamlet it-talba, l-imputat kien wegibha illi hu jithallas fl-ahhar tal-gimgha u kellha tistenna sa dak iz-zmien. Caroline Farrugia xehedet illi Charmaine Grech bdiet tilmenta ma’ l-imputat illi hi kellha taqbad il-manteniment minghandu kull nhar ta’ Gimgha u mhux kull nhar ta’ Sibt u l-imputat kien dahal fil-kamra tal-banju, kien kisser xi mera u hareg ‘il barra mill-kamra tal-banju, hekk kif hareg, hu habat mat-tifel taghha (ta’ Caroline Farrugia) u nqalghet stragi. Dana minhabba l-fatt illi kien hemm prezenza ta’ hafna demm u Caroline ma setghetx taghraf jekk kemm-il darba dan kien gej mit-tifel taghha jew minghand l-imputat. Nelfrattemp Charmaine bdiet tghajjat u twerzaq u bilfors riedet tkecci lill-imputat ‘il barra.

Caroline Farrugia xehedet illi hija ppruvat tintervjeni bejn l-imputat u Charmaine sabiex tikkalma s-sitwazzjoni. Illi aktar tard filghaxija kienu gew zewg Pulizija flimkien ma’ l-Ispettur. **Hija xehedet illi qatt ma rat sikkina f’dan l-incident**, pero’ ammettiet illi kien hemm hin fejn hija qabdet lit-tifel taghha u harget gol-gallarija. **Caroline nnegat illi hija u Charmaine Grech issaraw ma’ l-imputat biex inehhulu s-sikkina minn idejh**.

**Mistoqsija, xehedet illi lanqas ma rat skieken meta dahlet lura fil-flat mill-gallarija. Mistoqsija jekk kemm-il darba qalitx lill-Ufficjal Prosekutur hija stess illi kienet hadet sikkina minn id l-imputat u tefghatha fis-sink, ix-xhud Caroline Farrugia xehedet illi jista' jkun li ghamlet hekk pero' ma kinitx taf x'qed tghid jekk qalitx dan il-kliem**. Minkejja d-diversi twissijiet illi giet moghtija mill-Qorti, Caroline Farrugia baqghet tishaq illi ma rat l-ebda sikkina f'dan l-incident. Giet ezebita sentenza Dok.NGZ (a fol.63) tal-11 ta' Awissu 2004, ippronunzjatha mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D LL.M. Illi fil-verbal tat-30 ta' April 2008, id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni mix-xhieda ta' l-identita' u li l-imputat accetta s-sentenza Dok.NGZ bhala gudizzju in konfront tieghu.

L-imputat David Falzon (a fol.68) xehed illi huwa kien joqghod fir-residenza ndikata fic-citazzjoni flimkien ma' Charmaine Grech u ma' ohtu Caroline Farrugia. Ikkonferma illi kif dahal id-dar kienet giet ohtu fuqu u qaltlu biex ma jaghtix kaz ta' Charmaine il-ghaliex din defsitha f'rasha li riedet il-flus tal-manteniment dakinhar stess. L-imputat xehed illi kien irrispondiha illi hu ma kellux flus u ad ogni modo l-manteniment kien ghadu mhux dovut. Ikkonferma illi dak il-hin illi mar id-dar kien hemm prezenti l-*hairdresser* certu Claudianne. A fol.70, l-imputat xehed illi tant baqghet ghaddejjha bil-paroli illi f'hin minnhom ma felahx, dahal fil-kamra tal-banju u kisser il-mera b'daqqa ta' ponn u fil-fatt kien qasam idu u beda hiereg id-demm. Xehed illi Charmaine kienet baqghet toffendieh u theddu: "Dejjem trid tarani l-habs." L-imputat xehed illi ohtu bdiet tipprova tintervjeni u tikkalma s-sittwazzjoni, f'hin minnhom Charmaine giet fuqu u mbuttatu. L-imputat innega illi f'xi hin huwa qabad sikkina. F'xi hin kienu hargu kollha 'l barra, inkluz il-*hairdresser* u ftit wara kienu gew il-Pulizija. Ikkonferma illi hu ma kienx fethilhom lil Pulizija il-ghaliex kien qed jimsah id-demm illi kien hemm fid-dar u il-ghaliex kien hareg hafna demm minn idu. Ftit wara kienu regghu rritornaw ohtu u Charmaine flimkien mal-Pulizija, li kienu gew jigbruh. Ikkonferma illi huwa ghandu tifel mir-relazzjoni li kellu ma' Charmaine u li ricentement kien spicca bla dar u kien mar jghix ma' ohtu Caroline u

ma' Charmaine, pero' dan b'ebda intendiment illi kienu ser jirrangaw ir-relazzjoni ta' bejnu u bejn Charmaine.

L-imputat, David Falzon, ikkonferma illi huwa kien dejjem regolari fil-manteniment skond id-Digriet tal-Qorti. L-imputat xehed illi ftit wara huwa beda jghix ma' Charmiane Grech u ma' ohtu Caroline, Charmaine rega' bdielha u bdiet tghidlu illi ma setghax ikun illi jghixu flimkien.

In kontro ezami l-imputat jghid illi wara l-incident, il-*hairdresser* kienet telqet. Charmaine marret ghand il-Pulizija, waqt illi ohtu kienet marret tixtri.

Ikkonsidrat:

Illi mill-fatti illi johorgu, ppruvati f'dan il-kaz, jidher bic-car illi l-imputat huwa persuna illi jinkorla malajr, u meta dan isehh, jinfexx billi jaqbad ikisser l-affarijiet ta' madwaru. Illi f'dan il-kaz inkorla fuq il-provokazzjoni ta' Charmaine Grech li deheret illi kienet qed tippretendi manteniment da parti ta' l-imputat meta dan kien ghadu mhux dovut. Illi din il-Qorti temmen illi f'dan l-incident l-imputat, fil-fatt, verament, qabad sikkina u heddet lill-kwerelanti Charmaine Grech biha. Din il-Qorti temmen illi dan gara semplicement sabiex l-imputat ibezzaghha u bi sforz sabiex Charmaine ma tibqax ghaddejjha bl-argument. Din il-Qorti, pero', mix-xhieda prodotta jirrizultalha illi m'humiex vero simili illi l-imputat ghamel sikkina ma' ghonq il-kwerelanti u din ma ghamlet ebda marka fuq gisimha. In fatti lanqas hmura ma gie nutat mill-Pulizija f'ghonq il-kwerelanta, pero' din il-Qorti hi tal-fehma illi, fil-fatt, sikkina zgur intuzat sabiex isir dan it-theddid da parti ta' l-imputat izda din is-sikkina baqghet f'idejn l-imputat u f'ebda mument ma ressqet lejn il-persuna ta' Charmaine. Tant huwa hekk illi Charmaine Grech u Caroline Farrugia kienu ssarraw biex inehhulu s-sikkina minn idejh. **Din l-informazzjoni, fil-fatt, kienet inghatat lil Pulizija mill-istess Caroline Farrugia. Illi meta giet fuq il-pedana tax-xhieda donna bdiet tbati minn amnezija selettiva.** Irid jinghad ukoll illi ebda ezami forensiku ma saret mill-Pulizija fuq din is-sikkina.

Illi l-Qorti tqis illi dan is-*scenario* ma huwiex tali illi jinkwadra attentat ta’ feriti gravi u din il-Qorti temmen illi l-imputat qabad is-sikkina sabiex ibezza lil kwerelanti biss.

Illi ghaldaqstant ma tirrizultax ipprovata l-ewwel (1) akkuza. Madanakollu zgur illi jirrizulta pprovat skond il-Ligi, l-akkuza tal-hebb da parti ta’ l-imputat, David Falzon, kontra Charmaine Grech u l-uzu ta’ arma regolari (sikkina) u l-ksur tal-buon ordni jew kwiet b’ghajjat u glied.

Il-Qorti rat imbaghad is-sentenza Dok.NGZ (a fol.63) flimkien ma’ l-ezenzjoni (a fol.62) u tara illi s-sitt (6) akkuza hija pruvata skond il-Ligi.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, David Falzon, mhux hati ta’ l-ewwel (1) akkuza, hati tat-tieni (2) akkuza, hati tat-tielet (3) akkuza, hati tar-raba’ (4) akkuza bil-hames (5) akkuza assorbita fit-tieni (2), hati tas-sitt (6) akkuza u wara li rat l-Artikoli 55 u 56 tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 338(dd), 339(1)(b) u (e), 412C, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

In oltre’, il-Qorti tordna l-hrug ta’ Protection Order ai terminu ta’ l-Artikoli 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal perijodu ta’ tlett (3) snin kontra l-imputat u favur il-kwerelanti Charmaine Farrugia bil-kondizzjoni illi l-imputat ma jimmolestahhiex.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece kollha tal-kaz, il-fedina penali ta’ l-imputat u l-agir provokanti ta’ Charmaine Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------